MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 30 – 3 Kumitat**

**It-Tlieta 21 ta' Jannar, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Viċi Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sa Christine Dalli |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

30.1.1 Il-President qara l-apoloġiji tas-Sindki tal-Ħamrun, ta’ Ħal Kirkop, ta’ Ħal Safi, tas-Siġġiewi u l-Viċi Sindku ta’ Birżebbuġa fejn taw ir-raġunijiet għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

30.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

30.2.1 Il-President ressaq il-minuti tad-disa’ u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Omar Farrugia u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 30.3 Komunikazzjoni mill-President;

30.3.1 Il-President fakkar lill-Membri preżenti li Reġjun Nofsinhar issottometta applikazzjoni biex jibbenefika mill-iskema Achievers billi inkluda Sportsfest f’din l-inizjattiva. Hu rrimarka li l-applikazzjonijiet għal din l-iskema ġew estiżi sat-28 ta’ Jannar u ħeġġeġ lil dawk li għadhom ma applikawx biex jieħdu vantaġġ minn din l-inizjattiva li żgur tħalli impatt pożittiv fil-ħidma tal-Kunsill u fil-ħajja tat-tfal tal-lokalità.

30.3.2 Il-President informa li saru diskussjonijiet mas-Sa Rosemarie Fava mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà (Lifelong Learning) biex issir ħidma konġunta ħalli tiġi offruta opportunità lir-residenti tar-Reġjun biex ikunu jistgħu jtejbu l-livell edukattiv u l-ħiliet tagħhom. Għaldaqstant, matul is-sena r-Reġjun se jkun qed jinċentiva

lil dawk il-Kunsilli Lokali li joffru taħriġ lir-residenti tagħhom minn skejjel jew faċilitajiet oħra fil-lokalità. Se jkun hemm skemi ta' għajnuna kemm mir-Reġjun kif ukoll mid-Dipartiment inkarigat mil-Lifelong Learning li joffri numru vast ta' korsijiet li numru minnhom jistgħu jsiru fil-lokalità. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jagħmlu kuntatt mas-Sa Rosemarie Fava biex jiddiskutu x'possibiltajiet hemm għal-lokalità tagħhom.

30.3.3 Il-President informa li wara diversi tentattivi biex jitkomplew id-diskussjonijiet mal-President Emeritus Marie Louise Coleiro dwar l-istudju tal-impatt soċjali fir-Reġjun, ma kienx hemm rispons. Għaldaqstant se tkun qed tittieħed deċiżjoni biex nipproċedu ħalli dan l-istudju jsir mir-Reġjun xorta waħda.

30.3.4 Fuq nota differenti, il-President, irringrazzja lis-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima u lil dawk kollha li kienu involuti biex seta' jsir l-Oratorju tal-Milied minn Orkestra Żurrieq fis-27 ta' Diċembru 2019. Kienet serata ta' livell għoli u mill-kummenti ta' dawk preżenti jidher li ntlaqgħet tajjeb ħafna. Hu ħabbar li inizjattivi bħal dawn se jkomplu jsiru mir-Reġjun anke matul din is-sena.

30.3.5 Il-President informa li wara li ġiet deċiża d-data li fiha se tittella' Festa Nar 2020 jeħtieġ li nibdew bil-preparamenti. Hu stieden lil dawk il-lokalitajiet li huma interessati biex jibgħatu l-proposti tagħhom bid-dettalji u r-rekwiżiti neċessarji flimkien ma' ritratti bil-google maps tas-siti indikati. Dawn se jiġu analizzati minn konsulent magħżul mir-Reġjun għal dan l-avveniment li imbagħad jagħżel hu liem tkun l-aktar lokalità li tissodisfa l-kriterji meħtieġa. Il-proposti se jkunu qed jintlaqgħu sal-31 ta' Jannar 2020 f'nofsinhar. Il-konsulent se jkun qed jiltaqa' mal-President u s-Segretarju biex jiddiskuti magħhom ideat ġodda biex dan l-avveniment, din is-sena jkun ta' livell ogħla.

30.3.6 Il-President wera s-sodisfazzjon tiegħu wara li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija wera apprezzament għall-ħidma li qed issir mill-istaff operattiv tar-Reġjun fuq xogħlijiet ta' manutenzjoni li qed jagħmel fil-lokalità, billi tefa' kummenti pożittivi u ritratti fuq il-paġna ta' Facebook. Hu rringrazzja lis-Sur Frederick Cutajar li kien qed jirrappreżenta lis-Sindku waqt il-laqgħa u rrimarka li dawn l-affarijiet jgħinu biex jimmotivaw aktar lill-istaff u jġiegħluhom iħossuhom aktar apprezzati. Il-President tenna li l-istaff operattiv hu ffurmat minn tliet persuni biss imma jagħmlu ħafna xogħol bi kwalità għolja.

30.3.7 Il-President semma' l-fatt li l-Ministru ġdid responsabbli mill-Gvern Lokali issa hu l-Onorevoli Dr Josè Herrera u faħħar il-kwalitajiet tajba tiegħu. Hu qal li Dr Herrera jemmen ħafna fil-kunċett tar-Reġjuni u jinsab persważ li se nkomplu naħdmu u nimxu 'l quddiem.

30.3.8 Il-President qal li kif kien wiegħed fix-xhur li għaddew, se jibda jżur il-Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet tar-Reġjun flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Se jkunu qed jiltaqgħu mal-Membri tal-Kunsill u jiddiskutu magħhom il-Pjan ta' Ħidma tar-Reġjun, l-isfidi tal-lokalità u kif jista' jkun hemm titjib u ħidma konġunta għall-ġid tal-komunità.

30.3.9 Il-President irrefera għall-korrispondenza li ntbagħtet dwar Kungress dwar miri ta' żvilupp sostenibbli (Living the Sustainable Development Goals) li se jsir f'Innsbruck għal-leaders ta' lokalitajiet u reġjuni fl-Ewropa. Hu wera l-interess li jattendi għal dan il-Kungress filwaqt li xtaq li r-Reġjun jisponsorja parti mis-somma tal-ħlas tar-reġistrazzjoni lil ħames Sindki jew Segretarji Eżekuttivi fir-Reġjun li juru interess li jattendu. Ġiet mitluba approvazzjoni għal din id-deċiżjoni.

30.3.10 Il-Membri preżenti approvaw unanimament din id-deċiżjoni.

30.3.11 Waqt il-ħin allokat għad-diskussjoni, is-Sa Rita Grima rringrazzjat lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna u l-koordinazzjoni fl-organizzazzjoni tal-Oratorju li ġie mtella' fil-Knisja Arċipretali Santa Katerina V.M. taż-Żurrieq minn Orkestra Żurrieq.

30.3.12 Id-Deputat President is-Sur David Michael Schembri rrimarka li qed jiġu offruti diversi skemi lill-Kunsilli Lokali li jidħlu fuq xulxin bħal pereżempju proviżjonijiet ta' siġar jew inizjattivi simili minn entitajiet Governattivi differenti. Hu semma wkoll diversi sfidi li qed jiffaċċjaw il-Kunsilli Lokali fosthom bil-Contracts Managers u bis-sistema tat-tendering. Il-Kunsilli Lokali jiġu f'diffikultajiet meta service provider ma jimxix mar-regoli jew mal-kuntratt. Każijiet oħra li ġraw kienu fejn l-istess offerent għal tender jitfa' żewġ offerti taħt żewġ ismijiet differenti, u jekk jirbaħ bl-orħos waħda jirtiraha jekk l-oħra tkun warajha fil-prezz.

30.3.13 Il-President qal li hemm bżonn li dawn l-isfidi u l-ilmenti jitressqu fil-laqgħat ħalli jiġu indirizzati. Hu wiegħed li se jagħmel ħiltu biex iwassal leħnu ħalli jsir tibdil jew titjib fir-regoli fejn tinħass il-ħtieġa. Hu ħeġġeġ lill-Membri biex huma jagħmlu l-istess.

30.3.14 Dr Marija Sara Vella semmiet każ li ġara fil-lokalità tal-Gudja fejn kien hemm tender maħruġa fil-leġiżlatura ta' qabel għal xogħlijiet fi triq partikulari li qatt ma ġiet aġġudikata. Issa Infrastructure Malta infurmat li se tibda x-xogħlijiet hi bir-riżultat li l-uniku offerent fetaħ mandat.

30.3.15 Id-Deputat President is-Sur David Michael Schembri wieġeb u qal li la t-tender qatt ma ġiet aġġudikata m'għandux raġun fil-kwistjoni. Il-problema tkun għax iwaqqaf ix-xogħol sakemm jinqata' l-każ.

## 30.4 Skeda ta' pagamenti;

30.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/20A-1 u 01/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

30.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 30.5 Performance Bonus

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance bonus appraisal tal-istaff amministrattiv ta' Reġjun Nofsinhar u rrimarka li hu kien sodisfatt ħafna bil-livell għoli ta' xogħol u bil-mod kif jippreżentaw xogħolhom. Il-mod kif iġibu ruħhom waqt ix-xogħol u mal-pubbliku hu eċċellenti. Għaldaqstant hu ssuġġerixxa li l-Kunsill Reġjonali jikkunsidra li l-istaff jingħata r-rata massima ta' performance bonus annwali filwaqt li s-salarji jiġu aġġustati skont il-ftehim kollettiv u javvanzaw notch skont meta tmisshom id-data.

30.5.2 Il-Kunsill Reġjonali unanimament approva li l-istaff amministrattiv jingħata l-performance bonus annwali bir-rata massima kif ukoll li s-salarji tagħhom jiġu aġġustati kif inhu rakkomandat u jitilgħu notch fid-dati li suppost.

30.5.3 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jirtira momentarjament mill-kamra sakemm jiġi diskuss il-performance appraisal tiegħu.

30.5.4 Wara xi ħin, is-Segretarju Eżekuttiv intalab jerġa jidħol fil-kamra. Il-President infurmah li l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jagħti l-ogħla rata ta’ performance bonus lilu wkoll.

30.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-President u lill-Kunsill Reġjonali tal-fiduċja li wrew fih u f’isem sħabu tal-istaff amministrattiv wassal ukoll l-apprezzament tagħhom.

## 30.6 Annual General Meeting

30.6.1 Il-President issuġġerixxa li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun issir nhar is-Sibt 29 ta’ Frar 2020 matul in-nofstanhar ta’ filgħodu. Issuġġerixxa wkoll li l-post tal-attività jkun Villa Blanche fil-limiti ta’ Ħal Far, bir-reġistrazzjoni tibda għal xi d-9.30 am.

30.6.2 Il-Kunsill Reġjonali qabel u approva s-suġġerimenti tal-President.

## 30.7 Affarijiet oħra;

**- Budget 2020 u Tbassir Finanzjarju**

30.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kopja tal-abbozz tal-Budget u Tbassir Finanzjarju li jinkludi l-allokazzjoni finanzjarja u dħul ieħor flimkien mal-infiq. L-impjegati se jkunu qed jiżdiedu fis-salarji u jitilgħu notch skont l-iskala tagħhom. Semma’ proġetti li beħsiebu jwettaw ir-Reġjun fosthom ir-restawr tal-faċċata antika tal-bini amministrattiv u xogħlijiet ta’ manutenzjoni u organizzar ta’ spazju għall-ħażna ta’ dokumenti. Għalkemm intalbet għajnuna mid-Direttorat tar-Restawr u mill-Ministeru responsabbli għar-restawr tal-faċċata antika, dejjem sibna l-bibien magħluqa. Semma’ wkoll inizjattivi ġodda li se jieħu r-Reġjun bħal Sportsfest 2020 u possibiltà ta’ inizjattivi ġodda ma’ għaqdiet lokali u Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun se jimpenja ruħu biex jaqdi aktar il-funzjonijiet tiegħu kif elenkati fil-liġi. Għaldaqstant se jkun qed jaħdem biex isir studju fuq l-impatt soċjali fir-reġjun u biex jiġi imqabbad uffiċjal professjonali ħalli jassisti lill-Kunsilli Lokali jibbenefikaw u jimmaniġġjaw b’suċċess programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Semma’ wkoll inizjattivi u għajnuniet għall-Kunsilli Lokali li hemm il-ħsieb li jiġu mnedija matul is-sena. Is-Segretarju

għadda kopja tad-dokumenti bid-dettalji u qalilhom li se jibgħatilhom kopja oħra permezz ta' imejl. Talabhom iduruhom ħalli jiġu diskussi u mgħoddija fil-laqgħa li jmiss.

**- Pjan ta' Ħidma**

30.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kopja tal-abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2020-2022 li fuqu se jkun qed jimxi r-Reġjun. Hu rrimarka li r-Reġjun se jkun qed iżomm il-valuri u l-missjoni tar-Reġjun filwaqt li jaġġorna fejn tinħass il-ħtieġa. Reġjun Nofsinhar se jkun qed jaħdem aktar biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kollha u jinkludi l-proġetti u l-inizjattivi li beħsiebu jwettaq fiż-żmien li ġej inkluż il-miri li jixtieq jilħaq u l-istrateġija li se jkun qed jieħu. Hu wegħedhom li se jibgħatilhom kopja permezz ta' imejl biex jaqrawh ħalli jkunu jistgħu jiddiskutuh u jgħadduh fil-laqgħa li jmiss.

**- Proġett dwar żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji kulturali fir-Reġjun**

30.7.4 Is-Segretarju ressaq korrispondenza mis-Sur Sandro Debono fejn wera li jixtieq jerġa jiltaqa' mal-Culture Strategy Group tar-Reġjun. Issa wara li saru l-Forum u l-workshops nistgħu niddiskutu l-punti li ħarġu minnhom ħalli r-Reġjun ikun jista' jfassal strateġija kif se jaħdem fuqhom.

30.7.5 Il-membri tal-Cultural Strategy Group iddiskutew u qablu li d-data tentattiva biex jiltaqgħu għandha tkun nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020 fis-6.00 pm.

**- Korrispondenza mill-Malta Wind Orchestra**

30.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza fejn il-Malta Wind Orchestra talbu sponsorship biex itellgħu kunċert waqt Festa Nar 2020.

30.7.7 Il-membri iddiskutew u qablu li għalkemm il-Malta Wind Orchestra toffri kunċerti ta' livell għoli, ma jaħsbux li dak it-tip ta' kunċert hu addattat għal Festa Nar. Għaldaqstant se jkunu qed iħarsu lejn xi forma oħra ta' divertiment.

**- Korrispondenza mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma**

30.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michael Schembri mill-Aġenzija għall-Ilma u l-Enerġija fejn xtaq jiltaqa' mal-Kunsill Reġjonali biex jiddiskuti fuq il-kampanja 'Water be the Change'.

30.7.9 Il-Kunsill Reġjonali qabel li jiltaqa' mas-Sur Michael Schembri qabel il-laqgħa reġjonali li jmiss.

## 30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

30.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.47 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Frar 2020 fil-5.30pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv